MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2013

Numru. 881/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**DORIS BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Doris Borg detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 153656 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar il-11 ta` Settembru 2013 u fi xhur ta` qabel din id-data f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha

anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda:

1. Nhar il-11 ta` Settembru 2013 ghal habta tan-nofs siegha (12:30hrs), u fi granet u xhur ta` qabel din id-data, gewwa l-hanut bl-isem ta` **Drug Store** li jinsab 382, Manwel Dimech Street, Sliema, ikkommettiet serq ta` oggetti ta` ammont li jeccedi l-valur ta` elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna, bil-hin u bil-mezz, ghad-deteriment ta` Robert David Shaw detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 422481 (M) u dan bi ksur ta` Artikolu 261 (b) (c) (d) (f) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Nhar l-10 ta` Settembru 2013, u fi granet u xhur ta` qabel din id-data gewwa l-hanut bl-isem **Marks and Spencer** li jinsab gewwa Tas-Sliema ikkommettiet serq semplici ta` hwejjeg ta` ammont li ma jeccedix il-valur ta` mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa ta` aktar minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-deteriment ta` Sam Sutters u jew ta` persuni ohra u dan bi ksur ta` Artikoli 285 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (d) (f), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Il-Qorti wara li rat li l-imputata skuzat ruhha tal-incident u ser tirritorna l-oggetti lura, wara l-ammissjoni tal-imputata u semghet il-partijiet dwar il-piena, ssib lill-imputata hatja kif akkuzata mill-Prosekuzzjoni u tqedgha taht *Probation Order* ghal terminu ta` sentejn (2) a tenur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta ` Malta.

Din l-ordni ghandha ssir taht is-sorveljanza tal-*Probation Officer* Carmen li ghandha minn zmien ghal zmien tirraporta lill-Qorti dwar l-andament tal-imputata, b'suggeriment car li din il-*Probation Order* tara li l-imputata tiehu dik il-kura medika mehtiega. Il-Qorti qedgha tifhem ic-cirkostanzi ta` dan il-kaz u wara li tkellmet mar-ragel tal-imputata, hija giet infurmata li l-imputata ilha zmien twil tbati b'dipressjoni qawwija u li qabel kienet taht kura medika.
Minhabba dawn il-motivi, il-Qorti qedgha thoss gusta d-divjet ta` isem l-imputata. Il-Qorti qedgha wkoll tordna r-rilaxx tal-esebiti lis-sidien rispettivi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------